MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru 1166/2009

**PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
VS
KURT SULTANA
DORCELL PACE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kurt Sultana ta' 19-il sena, iben Nazzareno u Josette nee' Grima, imwieled Pieta' nhar il-31 ta' Otttubru 1989, residenti fil-fond 'Josren' Triq Mater Boni Consilii, Fgura u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 525289(M); Dorcell Pace ta' 25 sena, bint Anthony u Carmen nee' Vella imwielda Pieta' fl-24 ta' April 1984, residenti fil-fond 95, 'Osprey' Triq Hal Edwin, Zebbug u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 214684(M).

Illi huma akkuzati t-tnejn flimkien talli:

Nhar it-8 ta' Marzu, 2009, f'San Giljan, ghall-habta ta' l-erbgha ta' filghodu, kkommettew serq ta' *hand-bag* kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti u apparat cellulari tal-marka Samsung, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.93 izda inqas minn €2329.37 u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta' Amanda Scerri;

Illi Kurt Sultana akkuzat wahdu talli:

Fil-perijodu ta' bejn ix-xhur ta' Frar u Marzu 2009, f'San Giljan f'xi hin bil-lejl, ikkommetta serq ta' *hand-bag* kontenenti diversi oggetti fosthom 'digital camera' tal-marka Kodak, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.93 izda inqas minn €2329.37 u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.3) u dak ta' l-imputata (a fol.12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat is-sentenza in parte kontra l-imputat Kurt Sultana, deciza fit-3 ta' Marzu, 2010, minn din il-Qorti u fuq l-istess ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur, jirrizulta fid-data, hin, lok u cirkostanzi citati fl-akkuza, l-imputat Kurt Sultana kien ammetta illi seraq *hand-bag* li kien jikkontjeni tmenin euro (€ 80) flus kontanti, *mobile phone* b’valur ta’ mija u ghoxrin euro (€ 120), nuccali tal-vista b’valur ta’ erbghin euro (€ 40), cwievet ta’ dar u ta’ karozza u diversi *credit cards*. L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa zewg stqarriji ta’ l-imputati.

Dorcell Pace fl-istqarrija taghha (Dok.MMX2) ikkonfermat illi kienet tahdem bhala *cleaner* go hotel u li kienet iltaqghet ma’ l-imputat f’Paceville u hargu flimkien, kienu dahlu go *bar* ‘Cube’ u hadu *drink*. Ftit wara kienet marret wahedha f’*bar* ‘Havana’ sabiex tiltaqa’ ma’ habibha taghha, li sabet ruhha wahedha u rritornat lejn ‘Cube’ *bar* biex tigbor gakketta illi kienet hadet ma’ l-imputat Kurt. Kif ipprovat tiehu l-gakketta, Kurt qalilha biex tatih il-gakketta il-ghaliex:

*“Kien hemm baskett u ried jisirqu,”* u ried il-gakketta taghha sabiex jghatti l-basket li ried jisraq.

Illi, minkejja illi l-imputata pprovat tiqaflu, fl-ahhar l-imputat ghamel dak li ried u gieghel lill-imputata, meta kienu barra fit-triq, izzomm dan il-baskett ta’ tfajla.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni, hi tal-fehema illi jonqos l-element kostituttiv u cioe dak tal-mens rea, da parti ta’ l-imputata f’dan il-kaz. Dan qieghed jinghad il-ghaliex il-Qorti sabet illi l-imputata, bl-ebda mod, ma xtaqet tkun parti minn dan is-serq, ipprovat tiqaflu lill-imputat, izda d-djufigha taghha u l-bonta spustjata taghha lejn dan il-guvni illi kienet ghadha kemm kellha l-ewwel ‘*date’* mieghu, illi mmeskolawha f’din il-facenda. Dan il-kaz jitratta djufigha ta’ karattru u sensittivita’ estrema illi waslet lil din it-tfajla, li minflok ma sabet il-vibra li tghajjat ghall-ghajjut u tmur tirraporta lil Pulizija (u ddahhal lill-gharus gdid taghha f’hafna nkwiet) hallietu juza l-gakketta taghha sabiex jghatti r-reat tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputata **Dorcell Pace**, mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------